**Carmen Sammut (2016) Diskussjoni dwar Kodici tal-Etika Gurnalistika (19th December). IGM: House of Parliament.**

## L-Isfond

- Dan l-abbozz kien gie mhejji matul l-2011 minn sotto-kumitat tal-*Media Ethics Commission* tal-Istitut tal-Gurnalisti.
- Il-membri tas-sotto kumitat li kien ippresidjut minni kienu: Dr Kevin Dingli (Chairman tal-media ethics commission), Dr Joanna Spiteri; Profs Kevin Aquilina, Dr Claire Bonello, Fr Colin Apap.

## Ghaliex hassejna li kellna naghmlu dan l-ezercizzju?

- Il-Kodici tal-Etika (li nassumi ghadu applikat bhalissa) kien mahsub l-aktar ghall-gurnalizmu stampat).
- Il-Kodici kurrenti ma jqisx li l-medja jezistu f'xenarju interattiv u kummercjalment kompettitiv. Kien ilu ma jigi emendat mis-snin tmenin – kwazi 30 sena.
- Nafu li f'dan iz-zmien l-media landscape inbidlet totalment; Il-konvergenza teknologija u l-intereattivita' qalbu l-gurnalizmu ta' taht fuq. Tfaccaw dilemma godda.

## Kif konna hdimna biex wasalna ghal dan l-abbozz (Ara *Appendici A*)?

***L-ewwel fazi – it-tfassil tal-working copy (abbozz preliminary ghad-diskussjoni).***

1. Harisna lejn il-kodici ezistenti tal-Istitut tal-Gurnalisti.

2. Gbarna wkoll Kodici ta' Etika ohra li suppost kienu applikati f'news rooms varji … interessanti li f'newsroom wahda ta' stazzjon ewlieni kienu qaluli li jsegwu Kodici ta' Etika taghhom, imbaghad meta tlabt ghal kopja, hadd ma kien jaf fejn jista jsibha – qaluli biss min kien ghamilha (nikkonkludu allura li hadd ma kien qed jaghmel referenza ghaliha).
3. Peress li kif ghedt, i-kodici originali kien mahsub ghall-istampa, harisna wkoll lejn Linji Gwida tal-Awtorita tax-Xandir u slitna dak li hu l-aktar relevanti ghall-gurnalisti u prezentaturi ta' programmi ta' affarijiet kurrenti.
4. Harisa wkoll lejn Kodici addottati minn medja stabiliti barra pajjizna.

Bdejna b' numri tal-laqghat bejniethna biex titfassal abbozz preliminari biex nahdmu fuqu.

***It-Tieni fazi: Diskussjonijiet mal-kumitat tal-Etika tal-Istitut tal-Gurnalisti***

Id-dokument gie mifli b'reqqa kbira mill-Media Ethics Commission li fuqha dak iz-zmien servew nies ta' esperjenza twila bhall-Lawrence Grech, Charles Flores, Charles Abela Mizzi u John Inguanez.

Is-suggerimenti taghhom ghenuna naslu ghat-tieni abbozz.

***It-Tielet Fazi: Diskussjoni waqt Focus Groups ghall-gurnalisti.***

Saru zewg focus groups f'Awwissu 2011 ma' ufficcjali tal-Istitut tal-gurnalisti, edituri u individwi ohra interessati. Kienet hadet ukoll sehem l-

Ghaqda Kittieba Sport li xtaqu jinkludu lilhom infushom fid-diskussjoni bil-possibilta li huma wkoll ihaddnu dan it-text.

**Ir-raba fazi: Endorsement tat-text mill-Konferenza Generali tal-Istatut tal-Gurnalisti**

Fil-harifa tal-2011 ghaddejna t-text lill-IGM biex jitressaq ghall-Konferenza Annwali. Nahseb li kien perjodu ta' taqlib fl-IGM u nbidlu bosta wcuh. Dan, u forsi ghal ragunijiet ohra wkoll, wassal biex ir-raba fazi ma' saritx.

Ilu konna nghidu li t-text thalla fuq l-ixkaffa. Illum nghidu li jintilef fil-memorja ta' xi computer qadim u jien stess nistqarr li kelli diffikulta nsib f'liema wiehed kont erfghajtu.

**Ghadu relevanti li jkollna Kodici tal-etika? (nisa u patrijiet)**

• Qabel naslu biex inwiegbu din il-mistoqsija irridu nibdew billi nistqarru wkoll li matul is-snin kien hemm diversi intoppi biex jigi mdaddem u inforzat il-Kodici u ma jfissirx li jekk ikollna Kodici gdid kulhadd jibda jsegwieh bla tlaqlieq.

Insemmi ftit ragunijiet ghaliex kultant l-etika t-tir mar-rih:

• Ambjent hyper-polarizzat – esigenzi tal-partiti u l-ispin jiksru kull regoli ta' fair play.

• Ragunijiet kummercjali: Per ezempju t-tellieqa sfrenata ghal-audience ratings li aktarx se tizdied hekk kif il-generazzjonijiet zghazagh qed jaghtu dahrhom lit-televizjoni.

• Li xi gurnalisti jisfidaw u ma jridux jaccettaw li ghandhom obligazzjonijiet ghaliex jarawhom ta' xkiel. Hemm min jiddikjara li ghandu

dritt igawdi liberta assoluta … Litteralment iridu l-poter minghand responsabbilta' (*power without responsibility*). Din hija perikoluza u self-defeating.

Insemmi zewg aspetti kritici li wasal il-waqt li niddiskutuhom fid-dettal:

1. *Il-Media Ethics Commission* tista biss tippubblika d-decizjoni taghha – tasal biss sa ezercizzju ta' *naming and shaming*. S'issa qatt ma kellna qafas ta' *self-regulation* mill-industrija tal-media. Aktarx li l-attentati jew proposti li saru ghal *self-regulation* qatt ma mmaturaw sewwa jew ghaliex qatt ma kellna r-rieda, jew ghax qatt ma kellna risorsi. Jista jkun li *ala Maltija* qatt ma urejna dixxiplina adekwata biex naraw li l-kuncett tas-self regulation jizviluppa u jimmatura.

2. L-Istitut tal-Gurnalisti: Wasalna f'punt kritiku ta' *do or die*. L-esperjenza urietna li x-xoghol impennjattiv tal-gurnalisti jaghmilha difficli jekk mhux impossibli li jkollok Istitut attiv li jiddependi BISS fuq il-hidma volontarja ta' gurnalisti attivi. Mehtieg impenn u koordinazzjoni biex l-organizzazzjoni tal-gurnalisti jkollha impjegati (support staff) taghha li jservu bhala d-driegh amministrattiv tad-decizjonijiet li jittiehdu mill-Kunsill. Tassew ironija li waqt li rajna s-socjeta civili f'pajjizna tissahhah, l-kommunita gurnalistika ma bbenefikatx wisq mill-opportuitajiet li jezistu u li nahseb li zdiedu sewwa bhala parti mir-realta' Ewropeja.

*A lot of water has passed underneath the bridge* mindu sar dan l-process u niskuza ruhi jekk kien hemm xi persuna ohra involuta li forsi nsejt insemmiha. Jidher li bosta nies li tawna feedback jew hadu sehem lanqas ghadhom fil-gurnalizmu … nafu li din hija professjoni b'*turn over* kbira.

Imbaghad kien hemm ohrajn li setghu hadu sehem imma jew minhabba l-hin inkella ghaliex ma jaqblux ma' Kodici ta' Etika, minn jeddhom ghazlu li ma jippartecipawx.

Jiena nemmen li fi zmien meta l-gurnalizmu bhal donnu jinsab fi krizi, flok inharsu lejn id-dinja b'mod distopiku irridu naraw kif naddattaw ghall-kundizzjonijiet godda … **Jekk ma nevolvux insiru speci estinta. Jien nemmen bis-shih fir-rwol tal-media fl-isfera pubblika biex biex tkun mentenuta d-demokrazija. Meta ddghajjef il-gurnalizmu liberu bdiet tidghajjef id-demokrazija.**

Nahseb li fl-Ewopra kollha bdejna nintebhu li wasalna jew wassalna lilna nfusna f'xifer ta' rdum.

Wara Brexit u r-rebha ta' Trump saret moda l-frazi 'post-truth society' li donna timplika li sar impossibli tersaq lejn aspetti tal-verita', meta t-twassil ta' informazzjoni verifikata hija fil-qofol tal-principji li jhaddem il-gurnalist.

Imma ejjew nistqarru li din mhix xi esperjenza gdida. Il-propaganda dejjem tuza teknologija godda biex tahsadna, permezz tall-hype u assortiment ta' triks politici u ekonomici. Aktarx li, bhal dejjem, it-teknologija l-gdida taghti lill-individwu l-impressjoni li ghandu aktar poter li jiffiltra u jirrezisti l-influwenzi istituzzjonali u kummercjali billi jghafas 'share', 'like', jiffirma wahda minn elf petizzjoni u forom ohra ta' azzjoni virtwali, meta fil-fatt l-individwu cittadin aktarx ghandu jdejh marbuta daqs qabel jekk mhux aktar.

Nghixu f'sitwazzjoni fejn ghandna glut ta' informazzjoni li kull wiehed minnha ma jistghax jipprocessa u nhallu f'idejn il-platforms bhal Google u Facebook jaghmlu l-ghazliet ghalina. Spiss nispiccaw nghixu f'buzzieqa mahluqa ghalina mill-media socjali – jew f'echo chamber fejn nsibu gratifikazzjoni liema bhalha nisimghu vucijiet li jixbhu lil dawk taghna.

Il-legacy media bhal dawk li whud minnkom jirraprezentaw, jinsabu f'tellieqa sfernata mal-media socjali u l-individwi li jsejjhu lilhom infushom gurnalisti; inkluz dawk "ic-cittadin gurnalisti" li m'ghandhomx l-obbligi tal-professjonisti. Dawn l-ahhar intbahna li f'din it-tellieqa spiss spiccajna nirriproducu ahbarijiet li kienu hlieqa (ez zghazagh li holqu ahbarijiet foloz dwar il-kampanja ta' Trump fil-Macedonia)

Il-platforms bhall-Google u Facebook sar ghandhom setgha akbar minn dik tal-editur biex jiddettaw l-agenda. Spiss dawn jitimghuna l-informazzjoni li nixtiequ nisimghu u c-cittadin jinsab maqful b'buzzieqa medjatika flimkien m' ohrajn li ghandhom l-istess interessi, opinjonijiet u stil ta' hajja tieghu jew taghha.

U allura spiss nispiccaw miftuma mill-informazzjoni li taghtina ic-cans nahsbu u naghzlu b'mod razzjonali. Miftumin minn informazzjoni veritiera u valida, hafna nies m'humiex *empowered* jiddeliberaw b'mod adekwat sabiex jaghtu sehem utli fis-socjeta'.

L-istejjer li jqanqlu l-emozzjonijiet u li jindirizzaw il-bizghat taghna baqghu l-aktar popolari u ma nistghagbux ghalhekk li sar facli aktar li jilhquna l-messaggi mnisslin minn individwi b'tendenzi u weghdiet populisti.

Nahseb li wara snin ta' rifessjoni wasal iz-zmien li rivlutaw ir-rwol essenzjali tal-*legacy media.* Biex dawn biex ma jsirux estinti se jkollhom jevolvu ma' l-ambjent teknologiku li invarjabbilment qieghed jinbidel ... u jharsu wkoll lejn l-isfidi kummercjali godda li gejjin minn dinja globalizzata.

Irridu naghrfu li l-poter tal-media (fourth jew fifth estate) jigi minn kemm nuru li ahna sensibbli u responsabbli. Minkejja dak li jahsbu xi whud, ic-cifri jurina li **m'hemmx poter minghajr responsabbita'**.

Il-qarrejja u semmiegha taghna juruna fatt importanti li ***n-numru ta' kemm jarawk mhux bilfors huwa ekwivalenti ghal kemm nies qed jemmnuk***.

Jekk inharsu lejn ic-cifri tal-eurobarometre, ix-xetticizmu lejn il-medja f'pajjizna jilhaq lix-xetticizmu san li jezisti lejn il-klassi politika. Ikollna nghidu wkoll li l-livell ta' xetticizmu f'Malta jizboq lill-dak ta' pajjizi ewropej ohrajn.

F'dan l-isfond il-professjonalizmu tal-gurnalist tiddistingwixxieh mill-ohrajn kollha. Ejjew niftakru liema huma l-karatteristici ta' professjoni?

- Awtonomija
- *Professional body* b'sahhtu
- Imgieba etika
- Fiducja tal-pubbliku
- Body of knowledge – li sar possibli ghaliex gharfien u studju dwar il-professjoni insibuh f'korsijiet fl-UoM, l-MCAST u anke entitajiet ohra.

**Xi passi li jmiss:**

- Impenn mill-komunita gurnalistika
- Diskussjoni dwar Kodici tal-Etika … hawnhekk nissuggerixxi li dak li gie propost hames snin ilu jkun il-punt tat-tluq …
- Id-diskussjoni ghandha issir waqt li jsiru sforzi ohra biex ikun hemm tishih tal-IGM … anke b'*support staff* adekwat.
- Jrid ikun hemm ukoll diskussjoni dwar it-thaddim u l-infurzar tal-Kodici tal-Etika. Il-*Media Ethics Commission* trid tkun imsahha u l-ghazla tal-membri tkun process aktar trasparenti biex hadd ma jerga jakkuzaha li tahdem bhal kangaroo court.

*Appendici A*

# ABBOZZ TA' KODIĊI TA' ETIKA GURNALISTIKA RIVEDUT

*Il-Hames abbozz – jinkludi proposti fiz-zewg seminars li saru f'Awwissu ma' ufficcjali u membri tal-Istitut tal-Gurnalisti u diskussjoni twila fil-Press Ethics Commission.*

*Biex il-gurnalisti jkunu kredibbli u jaqdu r-rwol siewi taghhom fis-socjetà, jeħtieġ li jkunu etici. Dan il-Kodici ta' Etika huwa mahsub biex ġurnalisti tal-midja stampati, fix-xandir u online jħarsu l-integrita' professjonali tagħhom u fl-istess hin jirrispettaw lill-udjenzi u lill-qarrejja tagħhom.*

**1. Awtonomija u responsabbilta' tal-ġurnalisti**

a) L-għażla għandna ssir skont il-valur tal-aħbar (*news value criteria*) u skont id-diskrezzjoni tal-Editur/ Kap tal-aħbarijiet.

b) Ghandha ssir distinzjoni ċara bejn fatti, opinjonijiet u kummenti. Ghandhom jidhru l-fatti kollha li a) jkollhom x'jaqsmu direttament ma' l-iżvilupp tal-istorja; b) jkunu preċizi, fattwali u etikament korretti.

c) L-ahbarijiet ghandhom ikunu bilanċjati billi jinstemgħu ideat ta' *stakeholders* differenti. F'aħbarijiet ta' natura kontroversjali, ideat opposti għandhom jidhru kemm jista' jkun fl-istess bulletin jew fl-istess rapport.

d) M'ghandux ikun hemm nofs veritajiet u aħbarijiet imżewqa b'kummenti parzjali.

e) Il-ġurnalisti għandhom jivverifikaw l-informazzjoni; zball għandu jiġi ikkorreġut minnufih. Il-korrezzjoni ghandha tinghata l-istess prominenza daqs ir-rappurtagg originali jew fl-istess programm. F'kaz ta' artiklu li jidher online, il-korrezzjoni ghandna tizdied mal-artiklu originali. Il-gurnalisti ghandhom jinformaw lill-pubbliku meta jkun hemm informazzjoni addizzjonali li ghad iridu jivverifikaw jew li ghad iridu jigbru, u f'każ ta' persuni/entitajiet pubblici meta jkunu ghadhom ma wegbux.

f) Gurnalist ghandu jevita kull forma ta' kunflitt ta' interess.

**2. Kunfidenzjalita' tas-Sorsi**

a) Il-ġurnalisti ghandhom iħarsu l-kunfidenzjalita' tas-sorsi tagħhom u ma għandhomx jikxfu l-isem mingħajr il-permess tal-persuna koncernata, barra f'kazi stipulati mil-ligi. Is-sorsi għandhom ikunu mgharrfa bil-konsegwenzi possibbli jekk tixxandar l-informazzjoni li jgħaddu.

b) Meta gurnalisti jiksbu informazzjoni minn sorsi anonimi ghandhom ifittxu l-parir tal-editur taghhom.

**3. Fastidju**

a) Il-gurnalisti m'ghandhomx jintimidaw, jaghtu fastidju (harassment) jew jippersegwitaw bil-mistoqsijiet, telefonati jew cameras; ghandhom jitilqu minn propjeta privata meta jigu mitluba jaghmlu dan.
b) L-edituri m'ghandhomx juzaw materjal/kontenut miksub permezz ta' harassment ta' individwi minn terzi persuni.
c) Il-midja m'għandhomx ikunu parti minn eżerċizzji ta' assassinju ta' karattru ta' individwi. Dan la għandu jsir bil-kitba, la bir-ritratti, filmati, użu tad-dawl u logħob bil-mikrofonu u lanqas b'manipulazzjoni bl-editjar.

## 4. Attenzjoni speċjali lil setturi partikolari tas-soċjeta'

a) Barra li l-midja jridu jżommu f'moħħhom l-interess pubbliku, għandha tingħata attenzjoni speċjali kif jiġu rapportati setturi partikolari bħat-tfal, nies vulnerabbli, anzjani u nies b'diżabilita'. Għandha titqies kemm is-saħħa fizika kif ukoll psikoloġika u emozzjonali tagħhom u għandu jkun hemm konsultazzjoni ma' ghaqdiet/individwi li joffru appoġġ, kif titlob il-ligi.
b) Għandna tingħata attenzjoni specjali lill-issues ta' *gender* biex kemm in-nisa u l-irgiel jidhru aktar sikwit fi rwoli aktar varjati u r-rappreżentazzjoni tagħhom ma tkunx stereotipata. Tinghata attenzjoni biex ma jintuzax lingwaġġ sessista u jsir sforz biex aktar nisa jkollhom sehem fil-panels.
c) Tingħata perspettiva multi-kulturali u jkun hemm sforz biex il-midja ma jservux ta' pjattaforma għal min jippromwovi diskriminazzjoni u/jew mibegħda razzjali, etnika, reliġjuża, minħabba orjentazzjoni sesswali jew fuq bazi ta' eta'.

## 5. Interessi kummerċjali

a) Għajnuna finanzjarja, rigali jew beneficcji ohra qatt m'għandhom jiġu aċċettati u m'għandhomx jinfluwenzaw il-ħidma editorjali, l-kontenut u l-preżentazzjoni. Il-ġurnalisti m'għandhomx jaċċettaw kummissjonijiet jew iċedu għal min qed ifittex biex jirreklama għal skopijiet kummerċjali. M'għandhomx jitwiegħdu favuri editorjali għal xi reklami mogħtija.
b) Aħbarijiet kummerċjali għandhom jidħlu meta jkollhom importanza bħala aħbar u mhux minħabba li min jirreklama jagħmel pressjoni biex jinfluwenza fuq il-kontenut editjorali.
c) Tagħrif kummerċjali (*advertorials)* għandu jkun ċar u dikjarat.
d) Gurnalisti m'ghandhomx jiktbu b'intenzjoni reklamatorja bil-ghan li joghla l-valur ta' ismha u *securities* li mill-prestazzjoni taghhom jistghu jiggwadanjaw direttament huma, il-kumpanija taghhom jew il-familja immedjata taghhom b'nuqqas ta' trasparenza.

## 6. Uzu ta' arkivji u materjal rikostitwit (*re-enactment*)

a) Barra fil-kaz ta' *stock footage,* intervisti jew filmati mill-arkivji, fejn hu possibli ghandha tidher id-data meta nġibdu u jkun hemm indikazzjoni ċara li l-materjal hu mill-arkivji.
b) Meta jintuzaw filmati li juru rikostruzzjoni ta' ġrajja, għandu jkun indikat ċar li dik mhix il-ġrajja oriġinali.
c) Biex jiġi evitat plaġjarizmu, il-ġurnalisti u produtturi għandhom jagħtu għarfien xieraq lil min ħaqqu u ma jisirqux il-kitba, filmat, xogħol ta' ħaddieħor. Għandu jingħata għarfien lil materjal minn għejun oħra u jingħata wkoll għarfien lill-jeddijiet ta min għamel ix-xogħol oriġinali.

## 7. Privatezza

a) Kulħadd għandu l-jedd għall-ħajja privata u tal-familja, hlief f'każi meta dak li jiġri fl-isfera privata jolqot il-ħajja pubblika.
b) Il-jedd tal-privatezza għandu jiġi rispettat fi żminijiet ta' luttu jew tbatija kbira. Wieħed irid bis-serjetà jqis sewwa l-qagħda ta' dak li jkun f'xi traġedja personali u li għaldaqstant ikun f'qagħda vulnerabbli.
c) Ghandha tinghata attenzjoni specjali lill-mod kif jigi irrappurtat is-suwicidju. Meta s-suwicidju jkun jimmerita storja, m'ghandhomx jinghataw dettalji zejda tal-metodi uzati.

## 8. Rappurtagg ta' Dizgrazzji:

a) L-aħbarijiet u programmi ta' attwalita' jridu jappellaw għall-familja kollha u għalhekk ghandha tintuza kawtela fil-kaz ta' ritratti u xbihat ta' vittmi ta' diżgrazzji, sakemm ma jkunx hemm talba mill-awtoritajiet.
b) Il-gurnalisti jridu jevalwaw ritratti/immaġini ta' tbatija kbira u/jew vjolenza u javżaw minn qabel f'kaz li jkunu qed isegwu tfal jew nies li jimpressjonaw irwieħhom.
c) Qabel tixxandar l-identita' tal-vittmi ghandu jgħaddi żmien biżżejjed biex ikunu laħqu ġew mgħarrfin il-qraba.

## 9. Rapportaġġ tal-Qorti/Reati

a) Nies mixlija b'atti kriminali ghandhom jigu jitqiesu li huma innocenti sakemm ma jinstabux hatja.
b) Waqt li l-midja għandhom dritt jinsistu għal inkjesti f'każi partikolari, għandhom iżommu lura milli jagħmlu inkjesta/ġuri huma stess.
c) Il-gurnalisti ghandhom izommu lura milli jintervistaw persuni li aktarx li jkunu se jissejjhu bhala xhieda u jiksbu stejjer li permezz taghhom jistghu jinfluwenzaw il-verdett.
d) Għandha tingħata attenzjoni għall-jeddijiet tal-mixli u l-vittma u għandna tingħata importanza xierqa lill-aħħar sentenza.
e) Fi proċeduri tal-qorti u stħarriġ tal-pulizija fejn ikunu mdaħħla t-tfal jridu jittieħdu passi speċjali biex jiġu mħarsa t-tfal.
f) M'ghandux lanqas jixxandar l-isem tat-tfal involuti fi proceduri fil-qorti.
g) M'ghandux jixxandar l-isem ta' vittmi ta' abbuz sesswali jew stupru sakemm dan ma jkunx gustifikat.
h) F'rapporti mill-qorti ghandu jigi evitat li jkun hemm emfasi fuq ir-razza, kulur tal-gilda, religjon, eta', orjentazzjoni sesswali jew dizabilita fizika jew mentali sakemm li tirreferi ghal dawn l-elementi jkun gustifikat. M'ghandhiex lanqas tissemma l-fehma politika meta ma tkunx relevanti ghall-kaz jew ghall-interess pubbliku.
i) M'ghandux isir hlas biex il-gurnalisti jiksbu stejjer, ritratti jew informazzjoni li tisfrutta xi att kriminali partikolari jew li tigglorifika jew turi l-kriminalita f'dawl attraenti.

## 10. Iffilmjar/ritratti f'postijiet pubbliċi u istituzzjonijiet

a) Meta jsir iffilmjar f'postijiet sensittivi bħal sptarijiet fosthom dawk psikjatriċi, il-ħabs jew istituzzjonijiet għal nies b'diżabilità, għandu jinkiseb il-permess ta' kull wieħed u waħda minnhom, meta jkunu identifikabbli, sabiex il-materjal ikun jista' jintwera, anki meta dawn ma jissemmewx b'isimhom.
b) Meta minħabba xi diżabilità jew mard, dak li jkun la jkun jista' jagħti permess u lanqas jirrifjutah, għandu jintalab il-permess mingħand il-qraba l-aktar viċin tiegħu jew minn min ikun qed jieħu ħsiebu/ha.

c) It-tfal m'ghandhomx jigu strumentalizzati sew permezz ta' intervisti, filmati jew ritratti fl-iskejjel u ghaqdiet.

## 11. Kameras u mikrofoni moħbija/ identita' falza u tnassis (*entrapment*)

a) Meta tigi rrekordjata intervista biex tixxandar jew tigi pubblikata, l-gurnalist ghandu jinforma lis-sors minn qabel.
b) Dawn jintuzaw biss fejn ikun meħtieġ ta' prova għall-verità tal-istorja ta' interess pubbliku u li jista' jkun fiha element ta' illegalita' jew imgieba mhux xierqa (*improper conduct*). Jekk l-istorja ma jkunx fiha element ta' illegalita' jew imgieba mhux xierqa, persuni mhux pubbliċi m'għandhomx jissemmew b'isimhom. Il-kundanna għandha tkun fuq l-azzjoni, mhux fuq il-persuna u *entrapment* qatt m'għandu jsir b'intenzjoni ħażina biex titkisser persuna izda biss f'każ fejn l-istorja jkollha interess pubbliku.
c) Meta jiġri hekk il-ġurnalist irid jikseb il-kunsens ta'l-editur jew Kap tal-Aħbarijiet.
d) Meta jsir xi *recording* bil-moħbi, l-kliem u x-xbihat irrekordjati jridu jaqdu, l-ewwel u qabel kollox, l-interess pubbliku li jiġġustifika: a) Id-deċiżjoni biex jinġabar dak il-materjal; b) ir-*recording* innifsu; ċ) ix-xandira. Għandha tinżamm verżjoni sħiħa u ohra editjata ta' *recordings* bil-moħbi għal perjodu ta' mhux inqas minn 90 jum wara li tohrog l-istorja.
e) Meta materjal għax-xandir jinkiseb bil-moħbi jew inkella jinġibed b'mod aċċidentali waqt reġistrazzjoni ta' xi programm, l-identità ta' nies innoċenti għandha tinsatar. Materjal meħud minn xi ħaddieħor (inkluzi s-social media), u li jiġi f'idejn il-ġurnalisti, jrid jitqies bl-istess mod.

## 12. Intervisti

a. Kull min jiġi intervistat għandu dritt ikun jaf is-sura tal-programm/artiklu, xi jkun tabilħaqq is-suġġett u l-għan tal-programm/artiklu kif ukoll kif se jintuża dak li jingħad.
b. L-intervistat, li jkun mistieden għal programm, għandu dritt ikun jaf min huma l-oħrajn li se jkunu qegħdin jagħtu sehemhom.
c. Kull min ikun mistieden għal programm televiziv għandu dritt iwieġeb għal allegazzjonijiet u kummenti li jsiru dwaru bl-SMSs u f'*captions* li jistgħu jidhru fil-programm. Il-parteċipanti għandhom dritt ikunu konxji meta dak li jidher fis-sotto titli bl-SMSs jew *captions* ikun jixraqlu tweġiba. Għaldaqstant jekk jintużaw SMSes fil-programm, ghandu jkun hemm monitoraġġ sabiex jitneħħew kummenti offensivi u fl-istess waqt isir *proofreading* sabiex l-udjenzi jaraw Malti miktub tajjeb.
d. Il-gurnalist ghandu jaghti hin adekwat lis-sors biex ifornilu l-informazzjoni.
e. M'għandhomx jinkisbu intervisti bi pressjoni, qerq jew fastidju (*harassment)* ta' individwi partikolari. Izda l-gurnalisti ghandhom dritt isemmu l-ismijiet ta' persuni pubbliċi li għandhom sehem dirett f'materji ta' natura kontroversjali u pubblika li jirrifjutaw li jaghtu kumment, jmorru għal intervista jew għal programm ta' diskussjoni.
f. L-editjar tal-intervisti għandu jsir b'mod ġust (*fair*); bl-editjar m'għandhomx jitgħawġu l-kummenti b'mod li toħrog tifsira ħazina jew barra mill-kuntest. Meta jintużaw intervisti mill-arkivji jrid ikun aċċertat li dak li fihom għadu jiswa u fejn meħtieg titniżżel jew tissemma d-data meta saru oriġinarjament.
g. Għandu jkun hemm kawtela kif il-ġurnalisti jinterpretaw u jeditjaw ir-riżultati tal-*voxpops* u l-mistoqsijiet għandhom isiru b'mod professjonali. L-istorja ghandna tirrifletti r-risposti li jkunu qeghdin jinghataw.
h. Il-ġurnalisti u produtturi għandhom aċċess għal informazzjoni dwar sorsi li jinkludu numri tat-telefon, indirizzi elettroniċi (*email*) u tagħrif ieħor. Dawn għandhom jintużaw bi prudenza u m'għandhomx ikunu żvelati ma' terzi persuni.

**13. Programmi ta' diskussjoni u ġrajjiet kurrenti**

a) Il- preżentaturi ghandhom ikunu attenti biex irazznu kliem, allegazzjonijiet jew imġieba mhux etika min-naħa ta' l-udjenza.

**14. Punti ohra:**

a) Ghalkemm il-ġurnalisti ġhandhom obbligu jirrapportaw il-fatti dwar il-ġrajjiet u avvenimenti kollha, f'kazi eċċezzjonali jistgħu jiddiskutu mal-Kap tagħhom il-possibilta' li jeżentaw irwiehom minn rapportaġġ minħabba oġġezzjoni morali.
b) Il-gurnalisti l-gurnalisti ghandhom jirrispettaw obbligi ohra li jirrizultaw minn ligijiet li jirregolawhom bhall-Att tal-Istampa, l-Att dwar ix-Xandir u l-Att dwar id-drittijiet tal-awtur.